MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1003/2002

**Marco Testa**

**vs**

**Maryanne Testa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Marzu tas-sena 1993 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal wiehed jismu Marlon llum ghandu tmien snin u l-ohra tifla jisimha Maronika li llum ghandha disa' snin;

Illi l-konvenuta meta zzewget kellha biss sbatax u wkoll kienet waqt l-gherusija nqabdet tqila mit-tifla. Illi sussegwentement, il-partijiet waqt it-tqala tal-mara

ddecidew li jizzewgu minghalihom sabiex il-problemi jigu mohbija. Illi fil-fatt zmien wara l-partijiet isseparaw bonarjament minn ma' xulxin.

Illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma' kundizzjonijiet li jirreferu ghall-futur.

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'biza'.

Illi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwantita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga da parti tal-konvenuta.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-digriet tat-18 ta' Settembru 2002 fejn l-attur inghata terminu ta' sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-21 ta' Novembru 2002 a fol. 11 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti taqbel mat-talba tal-attur li z-zwieg taghhom jigu null, b'dana illi hija tirritjeni li kien il-kunsens tal-attur li kien nieqes mill-element essenzjali tal-hajja mizzewga.

2. Illi *inoltre* kien l-attur li meta l-eccipjenti kellha biss sbatax-il sena u kienet ghadha kemm tispicca l-iskola sekondarja, kien insista li huma jkollhom it-tfal u dana minkejja li l-partijiet kienu ghadhom mhux mizzewga u b'ebda hsibijiet ghaz-zwieg. Illi kien minhabba l-pressjoni tal-familija meta l-esponenti kienet tqila li l-partijiet iddecidew li jizzewgu.

3. Illi l-attur ma waqafx hawn, u erba' xhur biss wara l-wild ta' l-ewwel tarbija, l-attur minghajr ebda razan u hsibijiet ta' xejn rega' ra kif ghamel u l-esponenti kellha tqala ohra bil-konsegwenza li ta' tmintax-il sena l-eccipjenti gja' kien kellha zewgt itfal.

4. Illi minkejja dawn ir-responsabbiltajiet l-attur kellu relazzjoni ma' mara ohra tul il-maggor parti tal-hajja mizzewga turbolenti tal-kontendenti.

5. Illi bl-agir tieghu l-attur wera bic-car li huwa kien ottjena l-kunsens tal-eccipjenti b'qerq u dana peress li minkejja li zzewweg huwa qatt ma kellu f'mohhu li z-zwieg ta' bejniethom ikun wiehed kif rikjest minghajr l-eskluzjoni ta' l-elementi mehtiega ghall-hajja mizzewga normali.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-attur datata 5 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 14 ta' Frar 2003 fejn hija esebiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbal tat-8 t'April 2003 fejn dehret biss Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenuta u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(i) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attur **Marco Testa** permezz tal-affidavit tieghu xehed:-

*"Illi jiena nghid li ltqajt mal-konvenuta meta kien ghad kelli xi ghoxrin sena. Qabel ma dhalt fir-relazzjoni mal-konvenuta jiena kont hrigt ma' tfajliet ohra, normalment fuq 'dates' pero' darba minnhom kont ghamilt xi sentejn ohra gharus. Ghalhekk nghid li jiena prattikament dejjem kont gharus meta kont zghir u ghalhekk ftit li xejn ghamilt zmien wahdi ma' guvintur ohra.*

*Illi mal-konvenuta niftakar li konna domna gharajjes xi ghaxar xhur biss. Bdejna nohorgu fit-2 ta' Gunju u fil-31 ta' Marzu 1993 ahna zzewwigna. Tul l-gherusija u peress li kienet wahda pjuttost qasira jiena nghid li kemm jien u kif ukoll marti ftit li xejn konna sirna nafu lil xulxin sewwa. Konna niltaqghu verament kuljum pero' dejjem ghal xi saghtejn u dana peress illi jiena dejjem imhabbat bix-xoghol fejn nahdem ma' missieri fuq xoghlijiet ta' ritratti. Dan it-tip ta' xoghol l-aktar li jzommok okkupat huwa fil-'weekend' minhabba tigijiet u nghid ukoll li kelli sikkatura minghand ommi fis-sens illi fid-disgha ta' fil-ghaxija hija kienet tkun tridni d-dar u ghalhekk ma stajtx indum barra.*

*Irrid nghid li wara ftit gimghat nohorgu flimkien mill-ewwel bdejna nidhlu ghand xulxin. Min-naha ta' ommi jiena jidhirli li ma tantx marret tajjeb mal-konvenuta. Da parti ta' missieri nghid li dana ftit li xejn joqghod jitkellem fuq dawn l-affarijiet peress li hsiebu dejjem fix-xoghol.*

*Illi rrid nghid li meta ghidt li bejn ommi u marti r-relazzjoni ftit li xejn kienet tajba nispjega li fil-fatt ma kienet tajba xejn ghaliex skond jiena dawn it-tnejn ma kienux jaqblu bejniethom. Illi sa meta konna gharajjes u ftit taz-zmien*

*qabel ma zzewwigna niftakar li kien hemm incident fejn ommi, u dak iz-zmien it-tfajla tieghi kienu ggieldu u tghidx kemm tghajru.*

*Illi da parti tieghi nghid li jiena kelli relazzjoni pjuttost tajba mal-familjari tal-konvenuta. Kont dhalt id-dar taghhom u laqghuni minghajr ebda problema. Ghalkemm illum ir-relazzjoni birdet xi ftit, jekk narahom barra xorta nitkellmu.*

*Illi qabel iz-zwieg kemm jiena kif ukoll marti kien ikollna x'naqsmu flimkien sesswalment. Illi rrid nghid li fil-fatt meta gejna biex nizzewgu marti kellha erba' xhur tqala. Illi lill-genituri taghna konna ghidnielhom bil-kwistjoni u nghid li kif kienet taf ommi qamu l-irwiefen kollha. Ghalhekk konna ddecidejna li nizzewgu qabel ma l-konvenuta twelled. Niftakar li kemm jiena kif ukoll il-konvenuta konna allura fic-cirkostanzi ddecidejna li nizzewgu kemm jista' jkun malajr sabiex innaqqsu l-paroli tan-nies. Fit-tieg minkejja li marti kellha kif ghidt erba' xhur tqala hija ftit li xejn kienet tidher li hija tqila.*

*Irrid nghid ukoll li kien hemm daqxejn thassib, minhabba l-eta' tal-konvenuta. Meta jiena u hija zzewwigna marti kien ghad ghandha biss sbatax-il sena. Jiena bdejt nohrog mal-konvenuta meta hija kien ghad ghandha sittax-il sena u kont hrigtha tqila wkoll meta kellha sittax-il sena.*

*Nghid li t-tarbija ma kenitx wahda pjanata. Dak iz-zmien anqas fuq zwieg ma konna qed nitkellmu. Iz-zwieg nghid li gie minhabba l-'pregnancy' ta' marti. Kien ikollna x'naqsmu flimkien sempliciment ghall-gost ta' dak il-hin u xejn izjed.*

*L-ewwel tarbija kienet tifla. Kif appena kellna l-ewwel tarbija jiena u l-konvenuta bqajna jkollna x'naqsmu flimkien minghajr ebda pjanijiet ta' xejn. Minkejja li konna zzewwigna, l-affarijiet ftit li xejn inbidlu u dana peress li ahna bqajna nghixu fil-post tal-genituri tieghi. Kemm jiena u kif ukoll marti konna ghadna qisna zewgt itfal u ghalhekk anqas fuq 'family planning' ftit li xejn konna nitkellmu.*

*Gie t-tieni wild u kellna tifel. Pero' aktar ma beda jghaddi z-zmien u jiena bdejt aktar naghmilha ma' nies, kemm fuq ix-xoghol u kif ukoll banda ohra, bdejt ninduna li r-relazzjoni ta' bejni u bejn il-konvenuta fil-fatt ma kienet tfisser ghalija xejn.*

*Minhabba f'hekk u peress li kif spjegajt meta kont izghar ftit li xejn kont hrigt, issa li ma kontx ghadni ma' ommi u marti kienet tqila bit-tieni tarbija, jiena bdejt nohrog wahdi bil-lejl u naghmel sa xi s-siegha barra. Jiena kont nghid lil marti li kont inkun xoghol u fil-fatt kont inkun San Giljan jew ma' hbieb ohra tieghi.*

*Jiena u marti kien ikollna hafna nkwiet bejnietna, pero' nghid li d-dar kont nipprova nqatta' hin mill-anqas, u dana peress li fl-ahhar spiccajna biex izjed konna nqattghu hin ghand omm il-mara milli d-dar.*

*Jiena ghalhekk kwazi qtajt minn ma' marti u bdejt infittex nisa ohra. Fil-fatt kelli amicizja ma' xi nisa ohra u marti saret taf b'dan. S'intendi l-inkwiet zdied u mhux naqas. Niftakar li l-konvenuta kienet anke kitbitli lili b'avukat biex niehdu s-separazzjoni u dana ghaliex sirt naf li anke hi kienet qed tara ragel iehor. Dan kien habib tieghi.*

*Ghalhekk nghid illi kien wasal zmien meta bejni u bejn marti kien spicca kollox. Il-problema li kellna nghid li kienet minhabba l-fatt li konna kostretti nizzewgu minhabba pressjoni tal-genituri u tan-nies u ftit li xejn konna tajna cans niskopru aktar lil xulxin.*

*Konna ghalhekk isseparajna permezz ta' kuntratt bonarju fit-18 ta' Settembru 2000, pero' qabel dan konna gja' ghamilna zmien sewwa ma nghixux flimkien. Inoltre jiena bqajt nara lit-tfal li jghixu mal-konvenuta.*

*Illum-il gurnata jiena ghandi relazzjoni stabbli hafna ma' persuna ohra u nghix ma' dina l-persuna bhala ragel mizzewweg u mizzewga. Ghandna flimkien anke tifel li llum ghandu seba' xhur. Naf ukoll li marti ghandha relazzjoni b'sahhitha ma' ragel iehor u ghalhekk jidher car li llum-il gurnata kulhadd qabad it-triq tieghu.*

*Minhabba f'dak li gara kif spjegajt ma narax ghalfejn iz-zwieg taghna ghandu jibqa' fis-sehh ghaliex kulma kien hemm kienet holma li llum-il gurnata ilha li spiccat".*

Illi min-naha taghha l-konvenuta **Maryanne Testa** fl-affidavit taghha sostniet hekk:-

*"Nibda billi nghid illi jiena ltqajt mal-attur meta kelli sittax-il sena (16). Dak iz-zmien kont spiccajt l-iskola u kont qeghda nahdem go fabbrika. Jiena ltqajt ma' l-attur f'tieg tal-kugina tieghi, fejn hu kien qed jahdem bhala assistent ma' missieru, li kien jiehu r-ritratti (photographer u video) f'dak it-tieg. Dakinhar hu ma kellimnix, pero' bdejt ninnota li kien qed ihares lejja. Dik il-gimgha stess hu sar jaf fejn noqghod, u darba minnhom kont hierga mid-dar u hu sejjahli. Ahna ghamilna zmien hbieb biss, peress li dak iz-zmien hu kien gharus lil haddiehor.*

*Imbaghad f'Gunju 1992, l-attur kien hassar minn mat-tfajla l-ohra u kien qalli biex nohorgu flimkien. Ahna fil-fatt hekk ghamilna. Hu dak iz-zmien kellu ghoxrin (20) sena.*

*Fl-ahhar ta' dak ix-xahar, u aktar precizament f'Jum il-Missier, hu laqqaghni mal-familja tieghu, meta morna biex naghtu rigal lil missieru.*

*Minn dak iz-zmien 'il quddiem, jien bdejt nohrog b'mod regolari mal-attur. Madanakollu jien mill-ewwel hassejt illi ommu ma kellhiex grazzja mieghi. Dan sirt nafu kemm mill-atteggjament taghha lejja, kif ukoll ikkonfermali dan l-attur stess. Dan kien minhabba l-fatt illi binha kien hassar minn mat-tfajla l-ohra biex johrog mieghi – hi kienet bicca wahda mat-tfajla l-ohra li kien ilu maghha sentejn. Apparti minn hekk hi ma kienet tiehu gost xejn li jien kont naghmel 'modelling' u kont nizfen ma' grupp. Jien kont immur id-dar tal-attur f'dawk l-okkazjonijiet meta kienet tibghat ghalija ommu, ghax il-kumplament taz-zmien jien ma kontx immur ghax kienet turini li ma kenitx qeghda tiehu gost bija.*

*F'dak iz-zmien l-attur beda jidhol id-dar tieghi wkoll, ghax jien hassejtni xi daqxejn obbligata lejh ladarba hu dahhalni d-dar tal-genituri tieghu. Il-genituri tieghi kienu jhobbuh hafna lill-attur, u fil-fatt kellu relazzjoni tajba ma' tad-dar.*

*Kif semmejt, ommu ma haditx grazzja mieghi, u bdiet tissikkah biex hu jitlaqni. Kellu hafna restrizzjonijiet minghand ommu, u dan kienet qeghda taghmlu bl-iskop li hu jaqta' minn mieghi. Madanakollu, l-attur webbes rasu, u lili qalli li ried jizzewweg. Peress li jien kont ghadni zghira, u konna ilna flimkien xi ftit xhur biss, jien kont ghidtlu li qabel ma jkolli tal-anqas tmintax-il sena (18) ma kellix hsieb li nizzewweg. Fil-fatt lanqas tal-familja tieghi ma rieduni nizzewweg daqshekk zghira.*

*Gara pero' illi l-attur xorta webbes rasu u beda jaghmel il-pjanijiet, u fil-fatt morna nibbukkjaw is-sala tat-tieg, pero' ghal sentejn wara meta jien kien ser ikolli tmintax-il sena. Ovvjament hu ma wera b'xejn minn dan lil tad-dar tieghu.*

*Hekk kif ibbukkjajna kollox, morna nghidu lil ommu. Inqala' nkwiet kbir, u bdiet theddu li ser tkeccih mix-xoghol u mid-dar. L-attur kien inwkieta hafna dwar dan, peress li hu qatt ma kien hadem ma' hadd hlief ma' missieru u beza' li kien ser jispicca bla xoghol. Apparti minn hekk, beza' wkoll li ser jispicca minghajr saqaf fuq rasu.*

*Meta l-inkwiet beda jizdied, u l-attur kellu izjed pressjoni minn tad-dar biex ihassar minn mieghi, kien harigni tqila. Jien dan nafu peress li f'okkazjoni minnhom, wara li kellna x'naqsmu flimkien, hu qalli illi kien ghamel mod li jien nohrog tqila. Dak iz-zmien, ghalkemm kien diga' kellna relazzjonijiet intimi, ma konniex nuzaw protezzjoni u konna noqoghdu attenti peress li jien assolutament ma kellix hsieb la ta' zwieg f'dak l-istadju u lanqas ta' tfal.*

*Meta hu qalli b'dak li kien ghamel, jien kont inkwetajt hafna, peress li kont ghadni zghira, u kont nibza' li jekk nohrog tqila kien ser ikolli nizzewweg zghira. Fil-fatt hekk gara, f'Jannar tal-1993 jien sirt naf li kont tqila. Jien u l-attur konna flimkien meta sirt naf, u morna ghamilna t-*

*'test' fuq insistenza tieghu, ghax li kien ghalija kont nibqa' nistenna bit-tama li ma kien hemm xejn minn dan kollu.*

*Meta sirna nafu l-ewwel li ghidna kien lill-familja tieghi. Ommi bdiet tibki u tghannaqna, u peress li jien il-kbira fost l-ahwa, bdiet tghidli "ser taghmilni nanna". Lill-attur bdiet tghidlu biex jiehu hsiebi. Missieri ma ha gost xejn, u qalli li qatt kien jistenniha minni, u telaq minn fejn konna.*

*Dak il-hin l-attur telaq u mar jghid lil ommu wahdu. Hi keccietu mid-dar, u bdiet tqattaghlu hwejgu b'imqass. Bdiet iccempel lili d-dar u bdiet theddidni u tghajjarni. Dakinhar l-attur raqad id-dar t'ommi. L-ghada saret taf ommu, u cemplet id-dar tieghi u ggieldet mal-genituri tieghi ghax qalet li kellhom ihalluh barra.*

*Imbaghad mar ghand zijuh, u dan tal-ahhar laqqa' lill-attur mal-familja tieghu. L-attur kien ghamilha cara li bil-kunsens ta' ommu jew le, xorta kien ser jizzewweg. Ghalhekk ommu accettat kontra qalbha, u caqlaqna d-data taz-zwieg aktar fil-qrib.*

*Dak iz-zmien missieri kien tani l-parir li nistenna li titwieled it-tarbija u nara kif immur mal-attur, u nizzewgu wara. Pero' tant kien hemm insistenza da parti tal-attur li nizzewgu, li jien cedejt ghal din il-pressjoni minghandu.*

*Fil-fatt ahna zzewwigna fil-31 ta' Marzu 1993. Kont ghalaqt sbatax-il sena (17) f'Awissu 1992, u l-attur kien ghadu kif ghalaq wiehed u ghoxrin (21) sena f'Dicembru 1992. Il-preparattivi ghaz-zwieg saru b'ghaggla tant illi zzewwigna meta kelli erba' (4) xhur tqala, u konna ilna flimkien disa' (9) xhur.*

*Sa dak iz-zmien l-affarijiet bejnietna kienu sejrin mhux hazin, peress li konna aljenati b'dak kollu li kien ghaddej. Wara li zzewwigna ghamilna sentejn nghixu f'post ta' ommu. Tul dan il-perjodu u sakemm domna mizzewgin, ommu kienet tindahal hafna bejnietna, u kull meta kien jinqala' argument bejniethom kienet theddu li ser tkeccih mix-xoghol u li kienet ser titfaghna barra mid-dar. Kienet iccempilli u dan it-theddid kienet tghidu lili wkoll.*

*F'okkazjoni minnhom anke qaltli li ser tibqa' tibqa' sakemm tifridna.*

*F'Lulju 1993 twieldet l-ewwel tarbija, u kellna tifla. Ftit tax-xhur wara jien ergajt hrigt tqila, u f'Settembru 1994 twieldet it-tieni tarbija u kellna tifel.*

*Meta twieldet l-ewwel tarbija u kont ghadni kif hrigt tqila bit-tieni tarbija, jien sirt naf illi l-attur kien qed jibdilni. F'okkazjoni minnhom meta jien u l-attur konna qed nitlewmu, hu qalli li ma kienx basar li ser ikollu daqshekk responsabbilta' biz-zwieg u l-familja, u qalli li kien izzewweg sabiex jitlaq mid-dar ta' ommu. Dan id-diskors kien qalu quddiem ommi, u hi haditha bi kbira hafna peress li dehrilha li kien uzani.*

*Waqt it-tqala bit-tieni tarbija t-tabib kien ordnali l-mistrieh, u ghamilna perjodu nghixu mal-genituri tieghi. Dak iz-zmien l-attur beda johrog hafna wahdu waqt li jien kont inkun id-dar bit-tifla, u kelli nsir naf minghand ohti li kien qed johrog ajke ma' nisa ohra. Hu kien jghidli li kien xoghol pero' sirt naf li dan ma kienx minnu, peress li ohti kienet tarah barra, il-bicca l-kbira Paceville.*

*Jien sa dak iz-zmien kont nahseb li l-attur kien ihobb kemm lili u lit-tfal, pero' hu bired hafna lejna, tant illi f'gheluq l-ewwel sena tat-tifla konna ghamilna festin ma' tal-familja, hu qal li kien xoghol u gie ghal ftit u telaq. Wara kelli nsir naf li ma kienx xoghol u li kien fil-fatt mar jiltaqa' ma' mara ohra. Ftit tal-granet wara jien irrinfaccajtu b'dak li sirt naf u l-attur skuza ruhu mieghi u weghdni li kien ser jinbidel.*

*Fil-fatt ahna domna mizzewgin seba' (7) snin, sal-2000. Nista' nghid li domna daqshekk ghax jien ma xtaqtx ninfired minn mieghu, u kont nipprova minn kollox biex nirrangaw l-affarijiet bejnietna. Pero' hu baqa' bl-istess stil ta' hajja, hrug regolari ma' shabu u kompla jibdilni ma' nisa ohra, addirittura anke ma' kugina tieghi.*

*Madwar erba' (4) snin wara z-zwieg, peress li ma rajt l-ebda tibdil fih, jiena kont xbajt u ddecidejt li nitilqu. Hu ma*

*riedx jinfired, u dan peress li ommu kienet qaltlu li jekk jitlaq il-familja, hi ma kenitx ser terga' tilqghu lura d-dar.*

*Konna bridna hafna lejn xulxin, tant li konna sirna qisna ahwa. Konna wasalna fl-estrem fejn anke jien kont bdiltu ma' habib tieghu. Jien dan ghamiltu bl-iskop preciz li hu jitlaqni.*

*Ftit taz-zmien wara ahna nfridna ghal kollox. Ghalhekk ghalkemm domna madwar seba' (7) snin mizzewgin, ir-relazzjoni taghna kienet wahda tajba ghal perjodu qasir hafna, fil-fatt ta' ftit xhur qabel ma twieldet it-tifla. Minn dak iz-zmien 'il quddiem kien jinqala' hafna nkwiet u glied bejnietna specjalment minhabba l-fatt li hu kien qed jibdilna regolarment.*

*Kif semmejt, iz-zwieg dhalna ghalih b'certa' ghaggla u taht pressjoni minhabba f'ommu, u bqajna flimkien dak iz-zmien kollu minhabba t-tfal. Fil-fatt meta tfarfru t-tfal konna hassejna li kien ikun aktar ghaqli ghal kulhadd li ninfirdu. Fil-fatt illum-il gurnata l-attur qieghed ma' mara ohra u ghandu tarbija minn din il-mara, filwaqt li jiena ghandi relazzjoni ma' ragel iehor ukoll u qed nippjanaw li nghixu flimkien bit-tfal".*

**<u>(ii) PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi fost il-premessi attrici ghaliex l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu jigi dikjarat null hemm dak tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza"*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP) deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti

taghmel riferenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **“Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba”** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta’ Awissu, 1995):-

*“… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza’ esterna ta’ natura rrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta’ dak il-kunsens”.*

Illi *inoltre* fis-sentenza **“Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo”** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta’ Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta’ vjolenza u biza’ f’din il-materja. L-espert f’dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:-

*“trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti.”*

Illi wkoll, fil-kaz **“Anthony Gatt vs Doreen Gatt”** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta’ Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*“… il-vjolenza morali trid tkun ta’ natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilta` lil min ikun li jisfuggi minnha”.*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll *“reverenzjali”* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **“Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et”** ( P.A. - 22 ta’ Novembru1982, ) il-Qorti spjegat:-

*“Il-biza` ta’ nies li huma superjuri jew il-genituri tista’ f’certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B’dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta’ suggezzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta’ certu entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar*

*jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) 11 ta' Ottubru 2002):-

*"ma hemmx dubju li l-biza tista' tkun immedjata, ghaliex kreata minn persuna direttament fuq persuna ohra, jew medjanti sitwazzjoni li tikkawza certu biza f'dak li jkun, u dan huwa kaz klassiku ta' kif biza tista' tinholoq direttament stante li l-attrici kienet litteralment mhedda b'hajjitha u persunita jekk hija ma taccettax li tizzewweg lill-konvenut, ovvjament ghall-iskopijiet tieghu tant li kien biss dan it-theddid u biza li wasslu lill-attrici tiehu dan il-pass ta' zwieg in verita' fazul".*

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

***art. 19 (1) (f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi*

*parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja’ Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit Nru 793/01/RCP) u diversi sentenzi ohrajn moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta.

Illi *di’ piu* l-attur jirreferi wkoll ghan-nullita’ taz-zwieg abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** u kif inghad fis-sentenza **“Michelle El Hossayes vs Pauline Mintoff”** (P.A. (RCP) 20 ta’ Marzu 2003) l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *“xi kwalita tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”*. Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawzi **“John Borg vs Paula sive Polly Borg”** (P.A. (VDG) 22 ta’ Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) u **“Michelle el Hossayes vs Pauline Mintoff”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Marzu 2003) fejn gie osservat li:-

*“kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b’mod differenti, wiehed ikun jista’ jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta’ nullita’ ta’ zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg.*

*The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the*

*gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".* (***Viladrich P.J.*** **Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. - Caparros, E. et al. ed) 1993, Wilson and Lafleur, Montreal)**.

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi fl-ahhanett l-attur jirreferi ghall l**-artikolu 19 (1) (g)** jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghal avveniment fil-futur.

## (iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika raguni ghaliex l-istess partijiet odjerni dahlu ghal dan iz-zwieg kien biss ghaliex l-istess konvenuta nqabdet tqila u xejn aktar tant li

l-istess partijiet izzewgu biss wara cirka disa' (9) xhur li kienu jafu lil xulxin, u ghalkemm kienu qed jahsbu li jizzewgu xi sentejn wara, anke peress li l-konvenuta kellha biss sbatax-il sena (17), huma haffu kemm felhu l-arrangamenti sabiex jizzewgu malajr qabel ma' l-istess konvenuta tkun welldet. Fil-fatt huwa pacifiku li l-istess konvenuta meta zzewget kellha gja' erba' (4) xhur tqala u z-zwieg sar fil-31 ta' Marzu 1993, u f'Lulju 1993 twieldet l-ewwel tarbija tal-kontendenti.

Illi fil-fatt il-partijiet lanqas biss kellhom post fejn joqoghdu u marru jghixu mal-genituri tal-attur u hemm damu jghammru ghal sentejn shah, fejn ir-relazzjonijiet iddeterjoraw anke ghaliex l-istess konvenuta ma kenitx taqbel ma' omm l-attur, izda xorta kellhom tarbija ohra. Minn dan kollu jidher li l-partijiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u dan *ai termini* tal-**artikoklu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghalkemm dan l-artikolu ma huwiex imsemmi mill-attur, dan ma huwiex ta' ostakolu ghall-Qorti li ladarba mill-provi prodotti ssib li hemm bazi ta' nullita' ta' zwieg fuq dispozizzjoni ohra tal-ligi, differenti minn kif indikata mill-attur jew mill-partijiet, l-istess Qorti tiddeciedi fuq l-istess, u dan kif gja' sar minn din il-Qorti f'diversi kazi ohra.

Illi dan kollu huwa ben differenti minn dak li qal l-awtur ***Bernard A. Siegle*** fil-ktieb tieghu **"Marriage According to the New Code of Canon Law"**, fejn jghid li jrid ikun il-kunsens tal-partijiet fiz-zwieg fejn dawn ghandhom u jridu joffru lil xulxin:-

*"a) the right to a community of life;*

*b) the possibility of living this community of life*

*c) the right to the conjugal act;*

*d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility"*

Illi ***Siegle*** jkompli jghid illi wiehed mill-elementi tal-kunsens hu l-maturita' li skond l-awturi rotali u gurisprudenza rotali tinkludi:-

*"a) an affective maturity that enables them to grasp the deep meaning of the conjugal covenant and to give it permanent value.*

*b) a discernment of judgement proportionate to the importance of the pact being concluded;*

*c) an internal free choice of will without coercive impulsions;*

*d) a freeness of character or personality that is capable of effective decision making.*

*e) a normal sexuality".*

Illi dan kollu jidher li kien mankanti fil-kaz tal-attur u l-istess jista' jinghad ghall-konvenuta ghaliex jidher li l-unika konsiderazzjoni li hadu l-partijiet meta ddecidew li jizzewgu kienet biss il-konsegwenza tat-tqala tal-konvenuta li huma u huma biss gabu b'idejhom. Illi fil-kaz tal-attur jidher ukoll li uza l-istess tqala sabiex jikkonvinci lill-genituri tieghu li huwa kien ser jizzewweg lill-konvenuta jghidu xi jghidu huma, u jidher li l-istess tqala tal-konvenuta kienet intenzjonata mill-mill-attur. Li min naha tal-konvenuta hija ma ghamlet xejn sabiex twaqqaf lill-attur milli jkollu relazzjonijiet maghha, u fl-ahhar mill-ahhar ma hemmx dubju li hija kienet fi stat li taghraf il-konsegwenzi ta' relazzjonijiet intimi qabel iz-zwieg, u li dawn jistghu jwasslu ghall-konsegwenzi serji.

Illi fil-fatt l-**artikolu 19 (1) (d)** jipprovdi li:-

*"**19 (1)** B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali*

*taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f'dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius gja' Caruana"** – P.A. (VDG) deciza fil-25 ta' Mejju 1995).

Illi li kieku l-legislatur rrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni***:

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum, 1990, Vol. 1** part I, p. 72).

Illi pero`, kif gja' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e`*

*sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero` tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F.,*** **Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta’ ***Viladrich***:-

*“Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095[3])** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f’dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *“di intendere e/o di volere”*. *“L’ incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale”*, jghid il-***Bersini***, *“rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso”* (op. Cit., p. 99).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *“the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi dan il-kaz juri li l-ebda wahda mill-partijiet fil-kundizzjoni li gabhu lilhom infushom fiha ma kienet fil-mument ta’ tali zwieg kapaci li tifhem u tapprezza b’mod normali s-sinifikat tal-unjoni li kienu dehlin fiha u fil-fatt hawn il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **“Natasha Xeureb vs Randolph Xuereb”** (P.A. (RCP) 26 ta’ Novembru 2002) fejn inghad:-

*“Illi mill-provi prodotti, jirrizulta ghalhekk li l-unika raguni ghaliex l-istess partijiet dahlu ghaz-zwieg kien biss ghaliex l-attrici harget tqila, b’dan li l-istess partijiet ippruvaw jirrangaw dak li huma u huma biss ghamlu bejniethom billi ghamlu zball akbar ghaliex dahlu ghal din l-unjoni, bla ma kellhom il-kunsens necessarju ghall-istess bl-elementi kif indikati fil-gurisprudenza koppjuza fuq indikata; u dan apparti li bl-agir taghhom qabel iz-zwieg huma eskludew l-elementi essenzjali tal-istess zwieg, u jekk mhux kollha, il-gran parti taghhom, stante li ma kien hemm ebda legami ta’ mhabba lejn xulxin, u lanqas ix-xewqa, u l-intenzjoni li dawn jghixu ghal xulxin u ghal uliedhom. Xejn minn dan, kien hemm biss skop wiehed u cjoe’ li l-minuri jitwieled fiz-zwieg u xejn izjed …”*

Illi hawnhekk issir referenza ghal dak li ntqal fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (P.A. (Q.K.) 7 ta’ Lulju 1994) li

tikkonferma li fil-kaz odjern l-elementi hemm imsemmija kienu mankanti. Il-Qorti kienet qalet:-

*"… illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossolubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef"*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi abbazi tal-provi prodotti jidher bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess partijet dahlu ghal dan iz-zwieg biss u ghar-raguni li l-attrici nqabdet tqila qabel iz-zwieg, u sforz is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha dakinhar, bla ebda hsieb ta' xejn, hlief dak li l-minuri jitwieled fiz-zwieg, huma ghamlu dan il-pass, proprju f'mument meta lanqas kellhom id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghmlu dan il-pass, u l-mod kif dan sar, bla ebda preparamenti ta' xejn la ghall-avveniment innifsu u wisq izjed ghall-hajja konjugali jikkonfermaw ampjament dan.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghal diversi sentenzi moghtija nkluzi dawk ta' **"Rita Attard vs**

**Raymond Chircop"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2003); **"Vanessa Agius vs Paul Xeureb"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2003); **"Maira Psaila vs Lawrence Psaila"** (P. A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003); **"Jasmine Bartoli vs Dr. Beppe Fenech Adami et nomine"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003); **"Marben Costa vs Ruth Costa"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003); u ghal sentenzi ohra fuq citati w abbazi tal-istess gurisprudenza w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat wkoll *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

Illi l-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li dan l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null skond id-dispozizzjonijiet tal-**artiklu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddeciedi w tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-31 ta' Marzu 1993 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------